**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Lulju 2021**

**Talba Nru: 92/20 CZ**

**Mapfre Middlesea p.lc. (C-5553)kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Meli Car Rentals Limited, u l-istess Meli Car Rentals Limited (C4312)**

**vs.**

1. **Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**
2. **Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Furjana, u skond digriet tat-2 ta' Lulju 2020 l-isem 'Furjana' gie sostiwit bl-isem 'Floriana'**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-atturi imressqa fit-18 ta' Mejju 2020 li biha ppremettew:

L-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghad-danni kkawzati nhar il-25 ta' Marzu 2017 meta persuni inkarigati minnhom jew min minnhom waqqghu jew ippermettew li jaqa' arblu tat-traffic lights fuq il-vettura tal-marka Daihatsu Sirion bin-numru tar-registrazzjoni BCK296 propjeta' tar-rikorrenti Meli Car Rentals Limited u assikurata mis-socjeta' rikorrenti, u kkawza hsara fuq l-istess vettura.

Illi d-danni kkawzati jammontaw ghas-somma globali ta' elf u sebgha u tmenin Euro u disgha u erbghin centezmu (€1,087.49) konsistenti fl-ammont ta' seba' mija u wiehed u tmenin Euro u disgha u erbghin centezmu (€781.49) spejjez ta' riparazzjonijiet li diga' ghamlet tajjeb ghalihom is-socjeta' assiguratrici rikorrenti, u l-ammont ta' tliet mija u sitt Euro (€306) rapprezentanti l-ispejjez inkorsi mir-rikorrenti Meli Car Rentals Limited inkluz il-policy *excess*;

Illi ghaldaqstant it-Tribunal huwa mitlub illi jikkundanna lill-intiamti jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' elf u sebgha u tmenin Euro u disgha u erbghin centezmu (€1,087.49), flimkien mal-ispejjez tal-prezenti u wkoll tal-ittra ufficcjali fl-ismijiet premessi innumerata 1500/2018, bl-imghaxijiet legali li jiddekorru mill-24 ta' Mejju 2018 li hija d-data tal-prezentata tal-ittra ufficcjali ccitata, sad-data tal-pagament effettiv.

L-intimati huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta fis-16 ta' Gunju 2020, li biha eccepiet:

1. Illi jrid jigi preliminarjament ippruvat jekk il-vettura in kwestjoni kinitx wieqfa jew inkella kienet [sic] qieghda tinstaq.

2. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont reklamat assolutament mhux dovut.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta prezentata mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Floriana fid-19 ta' Gunju 2020, li biha eccepew:

1. Illi qabel xejn hemm lok ta' korrezzjoni fl-okkju fis-sens illi gdan ghandu jigi jaqra 'is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Floriana ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Kunsill'.
2. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-istess Kunsill eccipjenti stante illi:-

a) Illi qabel xejn jigi rilevat illi r-rikorrenti naqset milli tindika fl-istess premessi fejn gara l-allegat incident – dan kellu jigi indikat b'mod car u inekwivoku minnha.
b) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk wiehed jirreferi ghar-rapport tal-Pulizija rigwardanti l-allegat incident, jirrizulta illi l-post fejn gara l-allgat incident ma jaqax taht il-kompetenza tal-Kunsill konvenut kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
c) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess il-Kunsill konvenut ma hu bl-ebda mod responsabbbli ghall-incident allegat.
d) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess il-Kunsill konvenut ma kien bl-ebda mod involut fl-allegati xoghlijiet konsegwenza ta' tali incident.
e) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub ma hux reali.
f) Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra d-digriet tat-2 ta' Lulju 2020 li bih il-kelma 'Furjana' fl-okkju giet sostitwita mal-kelma 'Floriana'.

Sema' x-xiehda ta' Neil Cauchi[1], Erika Bartolo[2], Barry Baldacchino[3], Gemma Ohaka[4], Lee Bullock[5].

Sema' t-trattazzjoni.

Ikkunsidra:

Illi l-hsara fuq il-karozza in kwestjoni saret meta l-kumpanija Central Asphalt Limited fil-25 ta' Marzu 2017 kienet qed taghmel xi xoghol fuq *belishia lights* fi Triq tat-Teatru l-Antik, il-Belt Valletta, precizament hdejn il-Monument tal-Indipendenza. Gara illi arblu waqa' fuq il-vettura BCK 926, propjeta' tas-socjeta' attrici Meli Car Rentals Limited u assikurata mis-socjeta' attrici Mapfe Middlesea plc. L-ahjar xhieda biex jispjegaw l–incident kienu Neil Cauchi u Barry Nicholas, haddiema ta' Central Asphalt Limited, li kienu fuq il-post u kkonfermaw li l-arblu tal-belishia lights in kwestjoni waqa' fuq din l-karozza, precizament fuq il-pilastru tal-windscreen.

Illi d-danni reklamati gew pruvati pemezz ta' ghadd ta' ricevuti esebiti mix-xhud Erika Bartolo.

Illi jirrizulta inoltre illi waqt li kienu ghaddejjin ix-xoghlijiet, it-triq ma kinitx maghluqa, u hadd ma waqqaf lis-sewwieq milli jghaddi minn din it-triq.

[1] Fol. 25 u fol. 88
[2] Fol. 34
[3] Fol. 38
[4] Fol. 84
[5] Fol. 92

Illi l-Kunsill konvenut eccepixxa fost ohrajn illi l-post fejn gara l-allegat incident ma jaqax taht il-kompetenza tal-Kunsill konvenut. Dan huwa minnu, ghaliex formalment jaqa' taht il-Belt Valletta. Eccepixxa wkoll illi ma hu bl-ebda mod responsabbbli ghall-incident allegat, u li ma kien bl-ebda mod involut fl-allegati xoghlijiet konsegwenza ta' tali incident. Dan huwa minnu wkoll ghaliex mill-kuntratt esebit mix-xhud Neil Cauchi irrizulta illi din kienet bicca xoghol li kienet qed issir mill-Awtorita' konvenuta u mhux mill-Kunsill konvenut.

Illi jirrizulta ghalhekk illi l-Kunsill konvenut mhux responsabbli ghal dan l-incident. Dwar l-ispejjez gudizzjarji tal-istess Kunsill, ghandu jinghad illi mir-rapport esebit a fol. 50, u cioe' *traffic accident report*, kien diga' jidher illi l-incident sehh fil-Belt Valletta, u mhux il-Floriana, u ghalhekk l-ispejjez ghall-istess ghandhom jithallsu mis-socjetajiet attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tal-Kunsill konvenut, jilqa' parzjalment l-eccezzjonijiet tal-istess Kunsill konvenut, jichad l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' konvenuta, u jilqa' t-talbiet tas-socjetajiet attrici, u jordna lill-Awtorita' konvenuta wahidha thallas lis-socjetajiet attrici s-somma ta' elf u sebgha u tmenin Euro u disgha u erbghin centezmu (€1,087.49), bl-imghaxijiet legali kif mitlub sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet kif mitluba ghandhom jithallsu mill-Awtorita' konvenuta, hlief ghall-ispejjez tal-Kunsill konvenut, li ghandhom jithallsu mis-socjetajiet attrici.

**Dr. Claudio Zammit**

**Ġudikatur**

Susanna Fenech

Deputat Reġistratur